XGHAJRA

Minuti tal-22 laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju, 2011, fis-6.00pm

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Viċi Sindku | Joseph Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Decelis |
| | Mario Buhagiar |

**L-Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru.1 Fuq l-Aġenda – Attendenza w apoloġiji – Kulħadd preżenti

2. Item Nru. 2 fuq l-Aġenda – Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija w approvati mis-Sindku u sekondati mis-Sinjorina Claire Decelis.

3. Item Nru.3 fuq l-Aġenda- Matters Raising – Punti li joħorġu mill-Minuti li ġew moqrija.

3.1. Rigward il-pjanijiet tal-Gvern rigward is-sit tal-ħruġ ta' l-ilma ta' l-għargħar is-Sindku qal li bagħat lis-Sur Mifsud Borg biex jgħidilna fuq il-progress li sar u għadna bla risposta.

3.2. Rigward l-insurance is-Segretarju qal li ser jinħareġ l-avviż tas-sejħa għall-kwotazzjonijiet u ser jidher fuq l-Independent.

3.4. Awditjar – Is-Sindku qal li rigward l-awditjar ta' l-accounts kull ma kien hemm differenza mill-accounts li ppreżenta l-Kunsill hija €560. Il-bilanċ totali tas-sena

finanazjarja jindika li kien hemm surplus ta' €15,000. L-awdituri tat-3As diġa lestewlna l-Management Letter u bagħatuilna. L-items li hemm fuq il-Management Letter huma normali u hemm ħafna fuq *accounting terms* li qiegħed jieħu ħsiebhom l-Accountant. Malli jkollna risposti kemm mill-Accountant u kemm mis-Sindku, dawn jiġu għall-attenzjoni tal-Kunsill u ssir ir-risposta ta' din il-Management Letter mis-Sindku.

3.5. Rigward it-tender tal-Photovoltaic is-Segretarju qal li ser jinħareġ l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern sabiex jinġabru d-dokumenti mil-uffiċċju tal-Kunsill.

3.6. Is-Sindku qal li l-playing field tal-proġett tal-Belveder ġie ordnat u kif kulħadd jista' jara l-progress fuq il-bini miexi sewwa, imma l-ewwel pagament għadu ma tħallasx lil-kuntrattur u s-Sindku qal li se jkellem lill-Ministru fuq dan.

4. Item Nru.4 fuq l-Aġenda - Korrispondenza.

4.1. Rigward il-proġett ta' l-ERDF issa miexi għall-approvazzjoni tal-Managing Authority u għad m' għandna l-ebda risposta. Is-Sinjorina Decelis tkellmet fuq proġett ieħor li ser napplikaw għalih li huwa tat-*Town Twinning* fejn ikollna finanzjament ta' €5,000 sabiex nospitaw lil barranin mill-belt ta' Colletorto ġewwa l-Puglia, l-Italja. Claire qalet ukoll li kull ma jonqos huwa xi firem mis-Sindku u s-Segretarju. Ġie ppreżentat programm taż-żjara ta' dawn in-nies.

4.2 Rigward il-laqgħa ma' Dr. Chris Said li tikkonċerna n-nuqqas ta' fondi, is-Sindku qal li għad m'għandna l-ebda risposta pero' Dr. Said kien deher li mhux *encouraging* ħafna.

4.3. Rigward it-talba li t-Trasport Malta jagħmlu xi sinjali tat-toroq fejn saret it-triq mil-ġdid, il-Perit David Vassallo qal li dawk kienu diġa' saru għall-ewwel darba mit-TM u issa jridu jsiru bil-fondi tal-Kunsill. Għalhekk is-sinjali speċjalment tan-nofs u t-tabelli jridu jsiru mill-kuntrattur tal-Koptasin . Ġie ordnat ukoll li nġibu kwotazzjonijiet ta' żebgħa tat-toroq

4.5 Is-Sindku nforma lil sħabu li l-impjant tad-drenaġġ il-ġdid ta' Barkat ser jinfetaħ uffiċjalment nhar it-2 ta' Ġunju. Is-Sur Valvo qal li l-inviti għadna ma rċievejnihomx pero' qegħdin l-OPM u appik li jintbgħatu. Is-Sindku qal ukoll li nhar it-Tnejn ser issir laqgħa ma' l-entitajiet konċernati mill-ordni fuq kif ser jitqassam it-traffiku u l-ordni fit-toroq għal dakinhar.

5. Item Nru 5. fuq l-Aġenda – Ġie approvat u ratifikat l-infieq tax-xahar t'April, 2011

6. Item Nru 6. Fuq l-Aġenda – Xgħajra Day / Lapsi

6.1 Għall-attivita' ta' Lapsi, il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju, ġurnata qabel Jum Lapsi ser isiru attivitajiet ta' sports għat-tfal kollha tar-raħal. Nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju il-program ser jibda fis-6pm billi jkollna quddiesa. Madwar il-knisja ser ikollna stands ta' l-artiġjanat u fis-7.30pm ser isir show fuq il-palk, wara l-Knisja u jkun hemm Country Music, Kitarristi u għanneja li jduru t-triqat. Se jkun hemm ukoll train li ddur max-Xgħajra u Vintage Bus biex iġġib in-nies mill-viċin ta' Ħaz-Zabbar u St. Peter's. Il-Ħadd 5 ta' Ġunju huwa Jum ix-Xgħajra u filgħodu se jkun hemm Fun Runs u filgħaxija fis-6.00pm jkun hemm quddiesa ta' ringrazzjament u wara riċeviment fis-sala tal-Knisja fejn kulħadd huwa mistieden.

XGHAJRA

6.2 Is-Sindku ppropona li bħala rikonoxximent din is-sena ngħatuh lis-Sur Carmelo Camilleri l-eks Segretarju li serva fil-Kunsill tax-Xgħajra għal ħafna żmien. It-tieni rikonoxximent imur għas-Sur Marcel Borg li qiegħed jaħdem ħafna ma' l-iscouts u t-tfal tar-raħal. Rikonoxximent ieħor imur għas-Sur Charlie Darmanin li qiegħed jaħdem ħafna biex intellgħu l-attivita' ta' Jum ix-Xgħajra u l-fun run. Kulħadd qabel ma' dawn.

6.3 Is-Sindku qal li rċevejna kwotazzjoni mingħand Jon David għal bnadar ġodda imma tidher għolja u għalhekk ser inġibu kwotazzjoni oħra mingħand Gauci Borda ta' San Gwann.

7. Item Nru 7. Fuq l-Aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

7.1. Rigward l-Sports Complex, il-Water Services Corporation iddeċidew li ser jagħmlu d-drainage huma u li ser jiswihom madwar €38,000. Dan għadhom kif ikkonfermawulna llum.

Is-Sala l-kbira għall-attivitajiet ser tkun open space u fuqha ser ikun hemm il-playing field. Biex taċċessa l-playing field ser ikun hemm rampa u biex taċċessa is-sala għalissa għad m' hemmx mod kif tinżel għaliha minħabba li qiegħda l-isfel ħafna. Ġie deċiż pero' li temporanjament issir trejqa biex tista' tinżel għal din is-sala minn naħa tal-grada. Is-Sindku spjega li rnexxielu jerġa' għal darb'oħra jsib l-għajnuna ta' Chris Ciantar u Ray Farrugia tal-MRR u dawn se jissuplixxu 160 blokka oħra.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra:

8.1. Rigward l-istaff klerikali s-Sindku ppropona li l-impjegata Rita Said li qiegħda part time taqleb għal full time minħabba li din issa qiegħed ikollha tagħmel ħin twil

fl-uffiċċju. Il-ħinijiet tagħha qegħdin ikunu bħal ta' full time u aħjar ikollna rasna mistrieħa li nkunu kollox inordni affini ta' taxxi u bolol. Kulħadd qabel ma' din il-proposta u ser nitkellmu mad-Dipartiment biex naraw kif ser tkun il-proċedura.

8.2. Ġie ordnat li fejn il-monument fi Triq Orlando Zabbar u fejn il-bandli ta' max-xatt jitnaddfu mil-aktar fis qabel ikollna l-attivita' ta' Jum Lapsi u Jum ix-Xgħajra. Ġie deċiż ukoll li d-daħla tax-Xgħajra sar-roundabout tiġi *refreshed* mis-sinjali u se jitqabbdu tal-Koptasin biex jagħmlu dan ix-xogħol.

8.3 Is-Sindku nforma lil sħabu li ser ikollna korsijiet tal-kompjuter għat-tfal tax-Xgħajra fis-Sajf. Dawn il-korsijiet ser ikunu sponsorjati mit-TCTC u l-Kunsill ser joħroġ biss l-ispejjeż tal-printing tal-leaflets u tat-tqassim bieb bieb. Il-leaflets ser jibdew jitqassmu fi ftit ġimgħat. Ser ikun hemm ukoll korsijiet b'xejn għal kbar u l-leaflets ser jitqassmu dalwaqt. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda – Aġġornament:

Aġġornament għat-Tnejn, 27 ta' Ġunju, 2011 fil-6.00pm.

------------------------------------ ----------------------------

Segretarju Eżekuttiv Sindku

XGHAJRA